MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2013

Numru. 228/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Ivan Cilia**

**VS**

**Antonio Grech, iben Anthony u Josephine k/a Jessie nee' Vella, imwieled is-Siggiewi nhar it-12 ta' Settembru, 1968, residenti fil-fond Block 3, Flat 6, Triq il-Gebel, Birzebbuga, detentur tal-karta tal-identita' numru 424468M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Antonio Grech** li gie akkuzat talli:

Fis-sena 2008, f'dawn il-Gzejjer, bhala ufficjal jew organizzatur fl-amministrazzjoni u/jew organizzazzjoni ta' xi loghba jew sport, accetta jew kiseb, jew ftiehem li

jaccetta jew jikseb, jew ipprova jikseb, minghand xi persuna ghalih innifsu jew ghal xi persuni ohra, tkun min tkun, xi rigal jew kumpens sabiex jithajjar jaghmel jew bi tpattija talli jaghmel jew jonqos milli jaghmel, jew talli wara li jkun beda jsehh dan l-att, ikun ghamel jew naqas milli jaghmel xi haga dwar xi loghba jew sport li fih jew dwaru hu jkollu x’jaqsam, barra minn dak illi legittatament imissu jiehu, jew talli wera jew ezercita favuri jew mort kontra xi persuna jew naha f’xi loghbba jew sport, jew talli xort’ohra nfluwenza t-tmexxija jew ir-rizultat ta’ xi loghba jew sport;

U aktar talli fl-istess dati, lok, u cirkostanzi, bhala uffijcal jew organizzatur fl-amministrazzjoni u/jew organizzazzjoni ta’ xi loghba jew sport, ta jew ftiehem li jaghti jew offra jew ippropona lil xi persuna ohra, direttament jew indirettament, li dik il-persuna l-ohra ghandha taghti jew tiftiehem li taghti jew toffri xi rigal jew kumpens lil xi player jew lil xi ufficjal jew organizzatur biex thajru jaghmel jew bi tpattija talli jaghmel jew jonqos milli jaghmel jew talli, wara li jkun beda jsehh dan l-att, ikun ghamel jew naqas milli jaghmel xi haga li hekk issir jew tonqos milli ssir tkun bi ksur tas-Sub Artikolu (1) jew (2) tal-Kapitolu 263 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat illi l-imputat wiegeb illi ma kinx hati tal-akkuzi kif migjuba kontra tieghu, kif ukoll illi ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji.

Rat ukoll il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Rat il-provi kollha migjuba.

Rat fl-ewwel lok l-istqarrija tal-imputat, li l-Qorti mhux qed tiskarta nonostante li din giet mehuda minghajr assistenza legali, dan ghaliex din il-Qorti llum issegwi dak ben stabbilit fid-decizjonijiet “Pul vs Paul Cutajar” (Qorti tal-Appell Kriminali, datata 18 ta’ Gunju, 2013); u “Charles Stevens Muscat vs Avukat Generali (Qorti Kostituzzjonali datata 8 ta’ Ottubru, 2012).

Ghalhekk f'dan ir-rigward, il-Qorti harset ukoll lejn il-fedina penali tal-imputat u l-eta' tieghu, meta ttiehdet l-istess stqarrija, cioe' dik ta' wiehed u erbghin(41) sena.

Rat ghalhekk li fl-istess stqarrija, spjega li hu xi seba' snin qabel kien segretarju tal-Federazzjoni tal-Bocci. Mistoqsi jekk kinx sema' b'xi korruzzjoni fir-rigward tal-bocci, qal illi kien jissemma' dan id-diskors, pero qatt ma kien hemm prova konkreta. Qal illi Salvu Portughese kien irrizenja minn chairman wara li kellu xi kwistjoni fuq il-vice president. Qal illi hu ftit kien imur jara loghob tal-bocci ghax kellu tfal zghar dejjem mieghu. Innega li hu qatt avvicina lil dan Salvu, biex inaqqas xi punti lit-team ta' Birzebbuga. Qal illi r-relazzjoni tieghu ma' Salvu marret hazin meta dan beda jinsisti li bhala federazzjoni jixtru bocci minghand certu wiehed Skippy - ma' dan il-Kunsill ma kinx qabel. Qal illi Salvu kien ilu hames snin fil-Bord tad-Dixxiplina, u ghalhekk kellu zmien jiehu passi. Insista li hu qatt ma tkellem ma' Salvu jew ma' xi hadd iehor billi offrielu tlitt mitt lira Maltin(Lm300.00) biex inaqqas punti lit-team ta' Birzebbuga.

Lawrence Bonanno xehed illi kien ilu tnejn u ghoxrin(22) sena fil-Bord tad-Dixxiplina tal-Bocci. Qal illi l-imputat kien ghamel zmien bhala segretarju tal-Federazzjoni, mentri Portughese kien kemm kaxxier kif ukoll chairman tal-Kummissjoni tal-Bord. Ma kinx jaf illi Portughese kien irrizenja minhabba korruzzjoni. Qal illi qatt ma mar xi hadd jipprova jinfluwenza d-decizjonijiet tieghu. Lanqas qatt ma gie avvicinat minn Portughese fuq dan il-fatt.

Gino Ellul xehed illi anke hu kien membru tal-Bord tad-Dixxiplina. Qal illi Portughese rrizenja ghax kellu xi jghid – clash, mal-president. Qatt fil-laqghat ma gie diskuss dak allegat minn Portughese – skondtu.
Ghalkemm qal illi Salvu kien kellmu dwar li kien gie avvicinat minn xi hadd, pero ma kinx jaf ezattament x'intqal. Ikkonferma li Salvu kien irrizenja wara li kellu clash ma' Victor Zahra fuq xi xiri ta' bocci.

Grezzju Cassar iddepona li kien assistent segreatarju tal-Federazzjoni Club Bocci. Ikkonferma li l-Ispettur Ivan Cilia

kien kellmu xi xiri tal-bocci. Qal illi lilu kien qallu li kien hemm xi rapport minghand Portughese. Wiegeb illi b'dan hu ma kinx jaf xejn.

Minn naha tieghu, Salvu Portughese xehed illi hu kien chairman tal-Bord tad-Dixxiplina u Protesti tal-Federazzjoni tal-Bocci. Qal illi hu ma setax jaqbel mal-president ghax kien indahallu hafna. Qal illi l-president Zahra kien jinqeda bl-imputat billi jaghtih rigali zghar, u li ghalhekk dan kien jaghmel li jghidlu hu. Qal illi kien Zahra li baghat lil Grech joffilu l-flus. Qal illi hu kien prova jnehhi lil Grech, pero Zahra kien jiddefendieh. Xehed illi Grech qallu "*Jekk inti ttellef punt lil Birzebbuga, ghandek somma flus.*" (folio 29) Din is-somma kienet ta' tlitt mitt lira Maltin (Lm300.00). Qal illi dan minnu mitlub hu m'ghamlux. Indika lill-imputat bhala l-bniedem illi offrielu l-flus.

Xehed anke l-imputat minn jeddu. Qal u kkonferma li hu kien segretarju fil-Federazzjoni Clubs tal-Bocci. Kien ilu f'din il-Federazzjoni ghal madwar tnax(12)-il sena. Dan kien xoghol volontarju.

Dwar l-allegat tbaghbis fil-loghob ta' Birzebbuga, qal illi lilu hadd ma nfurmah b'xejn dwar dan. Zied illi lanqas fil-kumitat qatt ma wasal xejn bil-miktub jew tramite telefonati. Dwar dak illi xehed Salvu Portughese, qal illi kienet inqalghet kwistjoni mieghu, u ghax il-kumitat ma qabilx mieghu, qabad u rrizenja mill-kumitat. Dan id-disgwid kien rigward xiri ta' bocci. Skondtu l-Bord tad-Dixxiplina kien maghmul dak iz-zmien minn Salvu Portughese, Lorry Bonanno, Gino Ellul. Kienu skondtu dawn li kienu jezaminaw l-ilmenti dwar xi allegazzjonijiet. Qal illi dan kien bord mahtur appozitament. Zied illi ma marx u ma setax bhala segretarju jmur kontra d-decizjoni ta' dan il-bord.
Zied ukoll illi hu ma kinx jaf li t-team ta' Birzebbuga kellu xi kaz quddiem il-Bord tad-Dixxiplina. Zied illi bhala segretarju hu ma kinx ikun involut f'dan.

Ikkunsidrat:

Illi certament Salvu Portughese ghamel akkuza specifika fil-konfront tal-imputat. L-imputat minn naha tieghu, darbtejn. Pero din il-Qorti ma tistax tifhem kif allura, jekk Portughese kien anke jaghmel parti mill-Bord tad-Dixxiplina, hu ma ha ebda azzjoni soda u wahda aktar affermattiva kontra l-imputat.

Illi tali fatt ihalli dubbju f'mohh din il-Qorti li certament ghandu jmur a favur l-imputat. Konsegwentement, qieghda tillibera lil Antonio Grech mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------